# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' GUNJU 2019**

**Kawza nru. 8**

**Rikors nru. 87/2019 RGM**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 887/2006 fl-ismijiet:**

**Joseph Cutajar u Stephan Cutajar**
**Ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs.**

**Alfred Spiteri u martu Rena Spiteri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors ta' Alfred Spiteri (I.D. 318764 M) u Rena Spiteri (I.D. 469562 M)** prezentat fit-30 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi hemm pendenti bejn il-partijiet kontendenti kawza fl-ismijiet inversi bin-numru ta' referenza 352/2006 AF, u li l-mertu taghha jittratta dwar incident stradali u hsara li garrbet vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY 194, li hija proprjeta' tar-rikorrenti u kienet mikrija lill-intimat Joseph Cutajar. Illi ghalkemm din il-kawza giet deciza fi Prim' Istanza a favur l-esponenti, giet appellata mill-intimati Cutajar, u l-partijiet ghadhom qed jistennew li dan l-appell jigi appuntat ghas-smiegh.

2. Illi in forza tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat in kwistjoni, u in forza tieghu l-esponenti gie mwaqqaf milli jwettaq trasferiment kemm tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY 194, mertu tal-kawza, kif ukoll tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY 182.

3. Illi din tal-ahhar, u cioe' il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY 182, li hija wkoll proprjeta' tal-esponenti hija Peugeot 406, u dan kif jirrizulta minn kopja tal-log book taghha, hawn mehmuz (Dok. A).

4. Illi l-esponenti rcieva avviz minghand Transport Malta, liema ittra datata 7 ta' Jannar 2019 qed tigi hawn mehmuza (Dok. B), li permezz tieghu gie informat illi l-vettura in kwistjoni – li tintuza bhala taxi – ser tilhaq l-ghoxrin (20) sena mid-data ta' manifattura, u Ii

ghalhekk il-licenzja taghha ma tistax tiggedded "… sakemm ma tbiddilx il-vettura", u dan ai termini tar-Regolamenti dwar is-Servizzi tat-Taxi.

5. Illi ghalhekk l-esponenti gie kostrett li jibdel il-vettura in kwistjoni b' wahda aktar moderna, u f'dan ir-rigward 'gia ghamel arrangamenti ghall-akkwist ta' vettura ohra, wkoll tal-ghamla Peugeot mudell 308SW, sena ta' manifattura 2019, bin-numru tal-magna u n-numru tax-chassis kif jirrizultaw mid-dokument rilaxxjat minn Michael Debono Limited, hawn mehmuz (Dok C).

6. Illi ghalhekk ir-rikors odjern qed isir per necessita', ghaliex altrimenti l-licenzja tal-vettura in kwistjoni ma tigix imgedda mill-Awtorita' koncernata. Illi t-titolu ta' proprjeta' tal-vettura ser jibqa' f' isem ir-rikorrenti, u ghalhekk l-intimati mhux ser jigu bl-ebda mod pregudikati; anzi l-vettura li ser tkun milquta b' dan il-mandat ser tkun aktar moderna, u ghalhekk ta' valur oghla minn dik li qed jintalab it-trasferiment tal-pjanci taghha.

7. Illi l-esponenti qed jipprezentaw ukoll kopja tad-digriet li nghata minn din l-Onorabbli Qorti in konnessjoni ma' talba simili li saret mill-istess esponenti, izda fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY 194 (Dok. D).

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar u tirrevoka, *in parte* jew *in toto*, l-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi, u dan taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(c) u 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tan-*number plates*, permess u licenzja LTY 182 minn fuq il-vettura tal-marka Peugeot 406 (*chassis number* VF38BRHZE80958438) ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot 308 SW

(*chassis number* VF3LCYHZRKS042061), u dan ghar-ragunijiet premessi.

2. Taghti kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni."

Rat **ir-risposta ta' Joseph Cutajar (I.D. 285454 M) u Stefan Cutajar (I.D. 203984 M)** prezentata fid-9 t'April, 2019 fejn jinghad kif gej:

"Illi l-esponenti jinfurmaw li din l-Onorabbli Qorti li mhux qed jopponu ghat-talba kif dedotta fir-rikors promotur diment illi l-pjanci (number plates) mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni jibqghu soggetti ghall-istess inibizzjoni fis-sens li ma jkunux jistghu jigu bl-ebda mod trasferiti ghal fuq terzi.

Inoltre, l-esponenti jitolbu li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ikunu a karigu tar-rikorrenti."

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2019.

Rat l-atti;

Rat l-Artikolu 836(1)(c) u 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Ikkonsidrat illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci, suggett ta' kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, li n-number plates, permess u licenzja tal-vettura nru LTY 182 jigu trasferiti jigu trasferiti fuq il-vettura tal-marka Peugeot 308 SW (chassis number VF3LCYHZRKS042061).

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tat-30 ta' Jannar 2019 bil-mod segwenti:

1. Tilqa' t-talba, tordna ir-revoka ***in parte*** tal-mandat ta' inibizzjoni numru 887/06 fl-ismijiet premessi sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tan-*number plates*, permess u licenzja LTY 182 minn fuq il-vettura tal-marka Peugeot 406 (*chassis number* VF38BRHZE80958438) ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot 308 SW (*chassis number* VF3LCYHZRKS042061).

2. Tordna illi sakemm jibqa' in vigore l-mandat ta' inibizzjoni de quo in-number plates ma jistghux jigu trasferiti f'isem terzi.

3. Tordna n-notifiki skond il-ligi a kariku tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**